TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Godfrey Zammit

vs

NCL (Norwegian Cruise Line)

CCT 20/16/MS

21 ta' Dicembru 2018

It-Tribunal

Ra l-avvizipprezentat mir-rikorrent fl-20 ta Jannar 2016 fejn talab r-rifuzjoni tas-somma ta' disa mija u hamsa u hamsin Euro (€955.00), parti minn somma akbar imhallsa lill-azjenda intimata ghal cruise bejn l-20 ta' Settembru u s-26 ta' Settembru 2015, liema cruise ma kienx lahaq l-aspettativii tieghu fis-sens illi ma kienx hemm *entertainment* kif imwieghed kif ukoll li l-isbark minn fuq il-vapur fl-ahhar gurnata kien pjuttost konfuzjonali u ta' inkonvenjent.

Ra r-risposta tal-azjenda intimata prezentata fil-21 ta' Marzu 2016 fejn eccepiet li ma kienx hemm relazzjoni guridika bejn ir-rikorrent u l-azjenda intimata kif ukoll li s-socjeta intimata m'ghandha l-ebda relazzjoni ma' NCL (Bahamas) Ltd; illi l-kawza attrici mhijiex cara billi hija generika u nebuluza; illi minghajr pregudizzju ghas-suespost skond l-artikolu 18 tat-Terms and Conditions, kull kwistjoni kellha tigi determinata l-Germanja skond il-ligi tal-Germanja bejn NCL (Bahamas) Ltd u l-klijenti taghha.

Ra l-atti processwali, sema x-xhieda bil-gurament.

Ra illi l-mertu ta' dan il-kaz huwa identiku ghal mertu fil-kawzi fl-ismijiet: Emanuel Sammut vs NCL ( Norwegian Cruise Line) CCT 18/16 kif ukoll Godfrey Cutajar vs NCL (Norwegian Cruise Line) CCT 19/16 u l-provi huma kwazi l-istess jew mhux l-istess, u ripetuti tul it-tlett kawzi.

**Ikkunsidra;**

Irrizulta mill-provi illi fid-9 ta Marzu 2015, ir-rikorrent kien ikuntratta ma' entita bl-isem Norwegian Cruise Line ghal cruise ta' tnejn minn nies bejn l-20 ta' Settembru 2015 sa' 26 ta Settembru 2015 ghal prezz ta' €1,910.00. Dan il-cruise inkluda diversi postijiet ta' interess, fosthom Barcelona, Malaga, Cartagena u Lisbona u kellu jispicca Southampton. Kien imwieghed wkoll "spectacular shows" tul il-permanenza fuq il-vapur. Ir-rikorrent ilmenta minn zewg affarijiet partikolari - wahda illi kien hemm show wiehed biss u gie ripetut tul il-vjagg u t-tieni li l-isbark f'Southampton kien konfuzjonali u gie tardat b'tali mod illi kellu inkonvejnent biex jaqbad it-taxi li kien miftiehem siegha qabel ma sbarkaw minn fuq il-vapur.

Illi min-naha l-ohra l-azjenda intimata qieghda tghid li hi m'ghandha l-ebda relazzjoni guridika mar-rikorrent peress illi l-entita kif miktuba mir-rikorrent NCL (Norwegian Cruise Line) ma tezistix. Dana fost eccezzjonijiet ohra dwar il-meritu.

Ikkunsidra

Illi ovvjament r-rikorrent ibbaza l-azzjoni tieghu fuq il-fattura ezebita Dokument B - illi dina tirriferi ghal NCL u tahtha b'ittri kbar, ghal Norwegian Cruise Line. Vera wkoll illi fuq l-istess fattura b'ittri zghar fin-naha ta' isfel hemm indikat bhala beneficcjarju "NCL (Bahamas) Ltd u jinghata indirizz l-Germanja.

FIl-mori ta' din il-kawza, fir-risposta tal-azjenda intimata, r-rikorrent gie a konjizzjoni ta' din l-ahhar kumpanija u seta' kieku ried talab korrezzjoni fl-okkju sabiex tirifletti ahjar r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet. Pero' minn dan kollu m'ghamel xejn u l-okkju baqa' l-istess - u cjoe' NCL (Norwegian Cruise Line). Ghalhekk kwalunke gudikat irrid isir fil-konfront ta' din l-ahhar azjenda u mhux ta' xi kumpanija ohra li mhijiex fl-atti. Terga' u tghid, fin-nota / risposta taghha, l-azjenda intimata qieghda tghid li m'ghandha l-ebda relazzjoni ma' NCL (Bahamas) Ltd. It-Tribunal issib din id-dikjarazzjoni stramba u pjuttost disonesta il-ghaliex fuq l-istess fattura moghtija lir-rikorrent, il-beneficcjarju tal-hlas kellha tkun il-kumpanija NCL (Bahamas) Ltd - kumpanija ta' responsabbilita' limitata allegatament inkorporata l-Bermuda, b'ufficju l-Florida u -Germanja, b'facilitajiet bankarji l-Germanja. Pero' fl-istess fattura, "Norwegian Cruise Line" jissemma ripetutament f'din il-fattura bhala entita' f'isimha stess - ez. " *Please note: If Norwegian Cruise Line does not receive a reconfirmation of the reservation until the expiry date, the option will be automatically cancelled.*" "*This reservation has been accepted subject to Norwegian Cruise Line booking conditions.*" "*Please note that if you wish to book transfers with Norwegian Cruise Line and you have made your own flight arrangements it's essential that you provide Norwegian Cruise Line with your individual flight details. In case Norwegian*

*Cruise Line does not have this information the transfer cannot be guaranteed."* Terga' u tghid illi f'email mibghuta fid-29 ta Settembru 2015 minn Bon Villaluz, bil-hin 10.44, hemm indikat fin-naha ta' isfel "Norwegian Cruise Line" minghajr ebda menzjoni ghall-NCL (Bahamas) Ltd. (Dok CS 01). Fin-nuqqas ta' provi ohra, jidher ghalhekk li Norwegian Cruise Line huwa isem azjendali tal-kumpanija NCL (Bahamas) Ltd u jirifletti l-istess entita' guridika.

Ikkunsidra

Illi ghal dak li jirrigwarda l-mertu, jidher illi l-ilmenti tar-rikorrent mhumiex kontestati u huma gustifikati fis-sens illi gie rikonoxxut li kien hemm nuqqas ta' *shows* bit-teatru miftuh biss gurnata jew tnejn minhabba *maintenance issues* u li l-isbark f'Southampton kien ta' certu sfida tant illi hemm email li jirrikonoxxi l-fatt illi kien hemm hafna ilmenti f'dan ir-rigward. Dan l-email jirreferi ghal miljuni ta kazijiet li l-azjenda kienet irceviet in konnessjoni ma' dan il-cruise, partikolarment rigward il-process ta' l-isbark f'Southampton, li fi kliem l-istess Villaluz kien ta' sfida. (ara Dok C, CS 01, Doks GZ 2 u GZ 3 kif ukoll Dok CS 03 u x-xhieda ta' Christian Sammut).

Illi meta l-azjenda intimata rriklamat il-*cruise* bl-*entertainment* partikolari, ghall-prezz partikolari, kienet qed tintrabat illi toffri dak is-servizz. Bil-hlas ta' dak il-prezz, ir-rikorrent kellu d-dritt jippretendi illi jinghata l-*entertainment* li kien imwieghed. Dan is-servizz ma nghatax fl-intier tieghu, peress illi t-teatru ma kienx funzjonali u r-rikorrent gie imcahhad minn *entertainment* li ghalih ovvjament kien importanti. Pero' fejn jidhol cruise, l-*entertainemnt* huwa parti minn pakkett hafna ikbar u ghal dak li jirrigwarda l-kumplament tal-cruise (apparti l-isbark), ma jidhirx li kien hemm ilmenti jew jekk kien hemm dawn ma gewx indirizzati mir-rikorrent.

Ikkunsidra

Irrizulta li l-ammont imhallas ta' €1,910 jirrifletti l-pagament ta' zewg persuni - jigifieri l-ammont ghar-rikorrent wahdu huwa ta' nofs - u cjoe' €955.00 - dak li fil-fatt qieghed jitlob f'dawn il-proceduri. Zgur illi r-rikorrent mhuwiex intitolat ghal dan l-ammont kollu. It-Tribunal jinnota wkoll illi x-xhieda tieghu u l-mod kifipprezenta l-kaz tieghu kien pjuttost fqir fis-sens illi r-rikorrent ma tax dettalji ta kif ibbukja u fejn; lil min kellem, liema kumpanija avvicina u min kien ha d-dettalji tieghu u d-depozitu. It-Tribunal ma jafx jekk dan sehh online per ezempju jew jekk ir-rikorrent mar fizikament f'ufficju f'Malta. L-anqas ma xehdet per ezempju Monica Zammit li allegatament akkumpanjatu fuq dan il-vjagg u jidher illi hi m'ghandha l-ebda ilmenti fuq dan il-*cruise* peress illi mhijiex inkluza bhala

rikorrent u l-anqas ma giet imsemmija mir-rikorrent jew xehdet f'dawn il-proceduri, ghalkemm giet indikata bhala xhud. Ghalhekk it-talba maghmula mir-rikorrent tirreferi ghalih biss u mhux ghal terzi u kif gja nghad ir-rikorrent zgur mhuwiex intitolat li jiehu lura l-ammont kollu li hallas ghal dan il-vjagg.

Illi pero' t-Tribunal jidhirlu li sforz in-nuqqasijiet msemmija, ir-rikorrent haqqu xi forma ta' kumpens li dan it-Tribunal *arbitrio bono viri* qieghed jiffissa fl-ammont ta' mitejn Euro. Ghal dawn il-motivi, jilqa' parzjalment it-talba u jikundanna l-azjenda intimata tirrifondilu s-somma ta' mitejn Euro (€200.00). Bl-ispejjes kontra l-istess azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru